MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar

**Laqgħa Numru 08 – 4 Leġiżlatura**

**Il-Ħamis 07 ta' Lulju 2022**

Il-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv fi 28 Ċentru Parrokkjali, Triq San Edwardu, Ħal Qormi, u b'mod virtwali fil-5.30 pm.

PREŻENTI FL-UFFIĊĊJU:

| | |
|---|---|
| President | Is-Sur Jesmond Aquilina |
| Deputat President/Sindku Gudja | Is-Sa Marija Sara Vella |
| Sindku Birżebbuġa | Is-Sur Scott Camilleri |
| Sindku Marsaxlokk | Is-Sur Steven Grech |
| Sindku Marsa | Is-Sur Josef Azzopardi |
| Kunsilliera Ħamrun | Is-Sa Carmen Borg |
| Sindku Ħal Għaxaq | Is-Sur Darren Abela |

| | |
|---|---|
| Sindku Ħal Qormi | Is-Sur Josef Masini Vento |

PREŻENTI B'MOD VIRTWALI:

| | |
|---|---|
| Sindku Żejtun | Is-Sa Doris Abela |
| Kunsillier Marsaskala | Is-Sur Charlot Mifsud |
| Kunsilliera Ħal Luqa | Is-Sa Maria Magri |
| Sindku Santa Luċija | Is-Sa Charmaine St John |
| Sindku Santa Venera | Is-Sur Stephen Sultana |

ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Ħadd

ASSENTI

Ħadd

UFFIĊJAL PREŻENTI:

| | |
|---|---|
| Is-Sur Philip Carabott | Segretarju Eżekuttiv |

## Minuti

Il-President is-Sur Jesmond Aquilina ippresjeda l-laqgħa.

## 08.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġiji;

08.1.1 Il-President informa li ma rċeviex ittri ta' apoloġija.

## 08.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

08.2.1 Il-President ressaq il-Minuti tas-seba' (07) laqgħa tal-Kunsill Reġjonali għal din il-leġiżlatura, li ġew iċċirkolati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant, ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

08.2.2 Wara mozzjoni mressqa mis-Sur Steven Grech u ssekondata mis-Sur Darren Abela, il-Membri Kunsill Reġjonali approvaw b'mod unanimu l-Minuti msemmija.

## 08.3 Komunikazzjoni mill-President;

**- Studju fuq l-Impatti Soċjali**

08.3.1 Il-President irrefera għas-sejħa li għandha tiġi ppubblikata mill-Kunsill Reġjonali li tittratta studju fuq l-impatti soċjali fil-lokalitajiet tar-reġjun. Hu qal li ftit tal-jiem ilu reġgħet issejħet laqgħa oħra mid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali biex jiġu diskussi l-aħħar żviluppi fuq din is-sejħa. Ħames Kunsilli Reġjonali se jkunu qed jingħaqdu flimkien sabiex toħroġ sejħa waħda bejniethom bl-istess kriterji u speċifikazzjonijiet, għalkemm kull Kunsill Reġjonali jista' jagħżel li jagħti enfasi fuq punti partikolari. Il-laqgħa saret bejn id-Diviżjoni tal-Gvern Lokali, l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali u l-ħames Kunsilli Reġjonali Lokali involuti sabiex ikun hemm qbil fuq il-punti li se jiffoka fuqhom l-istudju tal-impatti soċjali. Il-President ressaq il-punti li ħarġu waqt il-laqgħa sabiex jiġu diskussi bejn il-Membri preżenti.

08.3.2 Il-Membri preżenti ddiskutew il-punti u qablu b'mod unanimu li l-istudju jkun jiffoka fuq dawk il-punti u l-kriterji li ħarġu mil-laqgħa għal-lokalitajiet tar-reġjun.

**- Devoluzzjoni tal-Bini Amministrattiv**

08.3.3 Il-President ħabbar li matul il-jiem li għaddew ġie ffirmat il-kuntratt tad-devoluzzjoni mal-Awtorità tal-Artijiet għar-remissa f'54 Triq San Rafel, Ħal Qormi sabiex jiġi estiż il-Bini Amministrattiv tal-Kunsill Reġjonali.

**- Proġett tal-Bini Amministrattiv**

08.3.4 Il-President irrefera għall-proġett tal-estensjoni tal-bini amministrattiv u qal li fil-jiem li ġejjin se jkunu qed jitlestew il-pjanti bid-disinn finali. Qed isiru diskussjonijiet mal-perit u l-enġinier fuq id-disinn tas-servizzi u l-finishings ħalli jkunu stabbiliti u inklużi fil-kriterji u l-ispeċifikazzjonijiet tas-sejħiet pubbliċi.

**- MOU mal-Aġenzija LESA**

08.3.5 Il-President semma' kif fil-jiem li għaddew, l-Aġenzija LESA infurmat li lesta tiffirma MOU mal-Kunsill Reġjonali sabiex tingħata għajnuna finanzjarja għal titjib fis-sistema tat-teknoloġija tal-informatika fl-amministrazzjoni tat-Tribunal Lokali. Permezz ta' dan l-MOU,

il-Kunsill Reġjonali jkun qed jirċievi għajnuna finanzjarja mill-Aġenzija LESA sabiex jinvesti f'laptops għall-istaff li jaħdem fl-amministrazzjoni tat-Tribunal, kif ukoll xiri ta' printer u monitor sabiex jiġu installati fl-awla. Il-President talab għall-approvazzjoni tal-Membri preżenti.

08.3.6 Il-Membri preżenti qablu b'mod unanimu.

**- Proposta għal Programm ta' Taħriġ għall-Istaff mal-Kunsilli Lokali**

08.3.7 Il-President qal li l-uffiċjali maniġerjali ħarġu bi proposta għal proġett li jirrigwarda programm ta' taħriġ fuq l-aspetti amministrattivi u l-operat tal-Kunsill immirat għall-persuni li jkunu qed jaspiraw li jaħdmu jew li jkunu għadhom kemm ġew ingaġġati ma' xi Kunsill Lokali. Huma se jkunu qed jesploraw modi ta' kif dan il-proġett jista' jiġi finanzjat. Il-President talab l-approvazzjoni tal-Membri sabiex l-uffiċjali maniġerjali jkunu jistgħu jipproċedu fuq din il-proposta.

08.3.8 Il-Membri preżenti qablu ma' din il-proposta b'mod unanimu.

**- Proposta għal Proġett li Jnaqqas l-Użu tal-Karti**

08.3.9 Il-President ressaq proposta mill-uffiċjali maniġerjali fuq proġett li jwassal għal nuqqas ta' użu ta' karti fil-Kunsill Reġjonali u fil-Kunsilli Lokali fir-reġjun. Hu ddiskuta dan il-proġett u ta dettalji tal-estimi tiegħu. Il-President talab għall-approvazzjoni tal-Membri preżenti sabiex jipproċedu bir-riċerka fuq din il-proposta u jesploraw modi ta' finanzjament għal dan il-proġett.

08.3.10 Il-Membri preżenti approvaw il-proposta b'mod unanimu.

**- Mandati ta' Inibizzjoni fuq is-Sejħa tal-Ġbir tal-Iskart**

08.3.11 Il-President semma' kif matul il-jiem li għaddew ġew ippreżentati żewġ mandati ta' inibizzjoni fuq is-sejħa pubblika tal-ġbir tal-iskart. Hu qal li għaddejjin diskussjonijiet mad-Diviżjoni tal-Gvern Lokali b'konsultazzjoni mal-avukati appuntati għal dan il-għan. Minħabba f'hekk, is-sejħa pubblika ġiet estiża sat-02 ta' Awwissu 2022.

**- MOU mal-Għaqdiet tal-Baned**

08.3.12 Il-President irrefera għall-MOU mal-għaqdiet tal-baned fil-lokalitajiet tar-reġjun u qal li d-data tal-għeluq għall-applikazzjonijiet ġiet estiża sal-15 ta' Lulju. Hu żied jgħid li fit-02 ta' Awwissu se tkun qed issir konferenza stampa fejn se jiġi ffirmat b'mod uffiċjali l-MOU mal-għaqdiet tal-baned.

**- Sejħiet Pubbliċi għal DPO u Konsulent Legali fuq Bażi Reġjonali**

08.3.13 Il-President ħabbar li s-sejħiet pubbliċi għal servizz ta' DPO u għal servizz ta' konsulent legali issa jinsabu ppubblikati u bħalissa qed jintlaqgħu l-offerti fuq is-sistema tal-ePPS.

**- Sejħa Pubblika għal Servizz ta' Tindif fil-Bini Amministrattiv**

08.3.14 Il-President qal li l-kuntratt għas-servizz ta' tindif fil-bini amministrattiv tal-Kunsill Reġjonali u t-Tribunal Lokali jinsab skadut u jeħtieġ li terġa' toħroġ sejħa pubblika ġdida fuq is-sistema tal-ePPS sabiex kuntratturi interessati jkunu jistgħu jissottomettu l-offerta tagħhom. Hu talab għall-approvazzjoni tal-Membri preżenti.

08.3.15 Il-Membri preżenti qablu mal-President b'mod unanimu.

**- Jum Reġjun Nofsinhar**

08.3.16 Il-President semma' li għandhom jibdew diskussjonijiet bejn il-Membri tal-Kunsill Reġjonali sabiex tiġi ffissata data li fiha, kull sena jibda jiġi ċċelebrat jum ir-Reġjun tan-Nofsinhar. Hu qal li din għandha tkun okkażjoni fejn jiġu esebiti l-aspetti kulturali u artistiċi fir-reġjun, kif ukoll it-talenti tar-residenti. Il-President qal li dan se jkun il-pass li jmiss wara li l-Kunsill Reġjonali saħħaħ il-websajt uffiċjali u nkluda informazzjoni addizzjonali bħad-direttorju artistiku u l-kalendarju kulturali tar-reġjun. Hu żied jgħid li biex jimxi 'l quddiem, il-Kunsill Reġjonali għandu jistabilixxi kuntatti sodi mal-aspetti kollha fil-komunitajiet tar-reġjun.

**- Kummenti**

08.3.17 Fil-ħin allokat għall-kummenti, is-Sur Josef Azzopardi rrefera għas-sejħa pubblika tal-ġbir tal-iskart u qal li l-Kunsill Reġjonali jrid ikun ippreparat għal dak kollu li jista' jinqala' għax se jkun hemm min ikollu interess li jxekkel il-proċess u s-servizz.

08.3.18 Il-President qal li qed isir dak kollu possibbli biex il-proċess jimxi b'ritmu tajjeb u s-servizz offrut ikun tal-ogħla livell. Hu żied jgħid li l-Kunsilli Reġjonali qed jingħataw appoġġ u assistenza mid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali u l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali ħalli jintgħelbu l-isfidi li niltaqgħu magħhom.

08.3.19 Is-Sur Scott Camilleri faħħar il-proposta fuq il-proġett ta' taħriġ għall-istaff tal-Kunsilli u qal li, fl-opinjoni tiegħu, it-taħriġ għandu jkun mandatorju għall-membri kollha tal-istaff, anke dawk li diġà jaħdmu fil-Kunsill. It-taħriġ jiġi mqassam mal-istaff f'perjodi differenti sabiex ma tiġix ostakolata l-ħidma amministrattiva tal-Kunsill. Fuq nota differenti, is-Sur Camilleri semma' li biex jitnaqqas ir-rimi ta' skart illegali hemm bżonn li jitneħħa l-capping fuq il-vetturi fiċ-ċentri għall-iskart goff.

08.3.20 Is-Sur Josef Masini Vento qal li jixtieq jitlob ftit assistenza fuq sfida li qed jiltaqa' magħha fil-lokalità, fejn numru ta' bus shelters qed jitneħħew mill-kuntrattur u ma jerġgħux jiġu installati, hemm oħrajn li mhumiex f'kundizzjoni sodisfaċenti, u hemm oħrajn li għalkemm hemm permessi għalihom, qatt ma ġew installati. Minkejja d-diversi tentattivi li qed isiru mill-Kunsill Lokali sabiex din il-problema tiġi riżolta, mhux qed isibu kooperazzjoni.

08.3.21 Is-Sur Darran Abela u s-Sur Scott Camilleri qalu li hemm l-istess problema fil-lokalità tagħhom.

08.3.22 Il-President wiegħed li se tkun qed tintbagħat korrispondenza lill-President tal-AKL sabiex din il-problema tiġi diskussa bejn l-Eżekuttiv tal-AKL ħalli tinstab soluzzjoni effettiva għal-lokalitajiet kollha. Hu wiegħed ukoll lis-Sur Scott Camilleri li se jkun qed iressaq is-suġġerimenti tiegħu mal-persuni konċernati.

08.3.23 Is-Sur Steven Grech faħħar ix-xogħol professjonali li sar fil-lokalità ta' Marsaxlokk mill-ħaddiema tal-manutenzjoni tal-Kunsill Reġjonali u rringrazzja lill-President tal-għajnuna.

## 08.4 Skeda ta' Pagamenti;

08.4.1 Il-President ippreżenta l-iskeda ta' pagamenti bin-numru ta' referenza 07/22A-1 u 07/22B-1 li ġew iċċirkolati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa.

08.4.2 Wara mozzjoni mressqa mis-Sa Marija Sara Vella u ssekondata mis-Sur Scott Camilleri, il-Kunsill Reġjonali approva unanimament il-ħlasijiet indikati fl-iskeda tal-pagamenti msemmija.

## 08.5 Audited Financial Statements 2021;

08.5.1 Il-President ressaq l-audited financial statements 2021 li ntbagħtu minn qabel lill-Membri u għaldaqstant ġew ikkunsidrati bħala moqrija. Il-President ta spjega tagħhom u qal li l-awdituri ma sabux nuqqasijiet waqt l-awditjar imma ntalbu xi aġġustamenti żgħar fir-rapport finanzjarju li ġew inklużi fid-dokument imressaq.

08.5.2 Fuq mozzjoni mressqa mis-Sur Josef Azzopardi u ssekondata mis-Sur Steven Grech, il-Membri preżenti approvaw l-Audited Financial Statements 2021 b'mod unanimu.

## 08.6 Affarijiet Oħra;

**- Quarterly Financial Report Jan-Mar 2022**

08.6.1 Il-President ressaq il-Quarterly Financial Report għall-perjodu minn Jannar sa Marzu 2022 li ġie ċċirkolat minn qabel u għaldaqstant ġie kkunsidrat bħala moqri. Il-President ta spjega tiegħu u qal li l-Kunsill Reġjonali jinsab f'qagħda finanzjarja soda u kapaċi jimplimenta l-proġetti li għandu ppjanati għaż-żmien li ġej.

08.6.2 Fuq mozzjoni mressqa mis-Sur Josef Masini Vento u ssekondata mis-Sur Darren Abela, il-Membri preżenti approvaw unanimament il-Quarterly Financial Report Jan-Mar 2022.

**- Rapporti tal-ħidma tal-uffiċjali maniġerjali**

08.6.3 Il-President ressaq ir-rapporti fuq ix-xogħol li twettaq mill-uffiċjali maniġerjali tal-Kunsill Reġjonali matul il-perjodu minn April sa Ġunju 2022, li ġew iċċirkolat minn qabel mal-Membri u għadaqstant ġew ikkunsidrati bħala moqrija. Hu qal li x-xogħol ta' dawn l-uffiċjali qiegħed jissarraf f'titjib fis-servizzi offruti, kif ukoll titjib fil-qadi tal-funzjonijiet tal-Kunsill Reġjonali u l-Kunsilli Lokali fi ħdanu.

08.6.4 Il-Membri preżenti faħħru l-ħidma tal-uffiċjali maniġerjali u approvaw ir-rapporti tal-ħidma tagħhom b'mod unanimu.

**- Kaleici Old Town Festival**

08.6.5 Il-President ħabbar li l-Kunsill Reġjonali wera l-interess, flimkien mal-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali u l-Kunsill Reġjonali tal-Port sabiex jipparteċipa fil-Kaleici Old Town Festival fit-Turkija, li se jsir f'Ottubru. Dan il-festival jagħti opportunità lil diversi muniċipalitajiet sabiex jiltaqgħu u jaqsmu esperjenzi u għarfien fuq il-wirt kulturali u storiku fi bliet madwar l-Ewropa. Il-President semma' kif is-sottomissjoni intbagħtet mill-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali f'isem it-tliet entitajiet sabiex flimkien, ikunu qed jirrappreżentaw lil Malta, u din ġiet aċċettata. Għaldaqstant se tkun qed titla delegazzjoni mir-Reġjun tan-Nofsinhar u mill-partijiet l-oħra għal dan il-festival f'Ottubru.

**- Żjara f'Evora, il-Portugall**

08.6.6 Il-President ħabbar li fil-jiem li ġejjin se tkun qed issir laqgħa b'mod virtwali ma' rappreżentanti mill-Muniċipalità ta' Evora sabiex titla' delegazzjoni mill-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar fuq żjara fil-lokalità bħala parti mill-proġett tal-istrateġija kulturali tar-reġjun. Din iż-żjara se tkun parzjalment finanzjata mill-Kunsill Malti għall-Arti.

**- Laqgħat ta' koordinazzjoni ma' Ministeri**

08.6.7 Il-President semma' kif fil-jiem li ġejjin, hu flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv u l-uffiċjali maniġerjali se jkunu qed jiltaqgħu mal-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Entrapriża sabiex jiġu diskussi modi ta' kif jista' jkun hemm aktar kooperazzjoni u koordinazzjoni bejn iż-żewġ partijiet. Ġiet iffissata laqgħa oħra simili mal-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, il-Kultura u l-Gvern Lokali.

## 08.7 Tmiem tal-Laqgħa u Data tas-Seduta li Jmiss;

08.7.1 Il-laqgħa ntemmet fis-18.45 u ġiet aġġornata għall-Ħamis 04 ta' Awwissu 2022 fil-5.30 pm.

Konfermati llum ______________________.

Jesmond Aquilina

President

Philip Carabott

Segretarju Eżekuttiv